**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 22**

It-Tnejn, 27 ta' Ġunju, 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

## ATTENDENZA

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli u l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Robert Arrigo u l-Onor. Glenn Bedingfield kienu skużati.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, kien assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 21 li saret fit-22 ta' Ġunju 2022 kienu kkonfermati.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker informa lill-Kamra li dakinhar is-Sedja rċeviet mill-Awditur Ġenerali rapport u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 424 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-Isem *Follow-up Audits Report by the National Audit Office - 2022 Volume 1*, datat Ġunju 2022.

## MISTOQSIJIET

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 408, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 425 Tagħrif dwar CEOs impjegati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ġustizzja.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 409, il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 426 Tagħrif dwar CEOs impjegati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Anzjanità Attiva.

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet in-numru 914 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 427 Kuntratt bejn is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Governanza u Dr Peter Grech iffirmat fl-1 ta' Frar 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari nurmu 1821;

P.L. 428 Tabella A u Tabella B li juru d-dati tas-seduti għall-kawżi ta' vjolenza domestika ppreżentati l-Qorti mid-DV Unit tal-Korp tal-Pulizija għas-sena 2022 u għas-sena 2023 rispettivament, u Tabella C li turi tagħrif dwar kawżi li jeżorbitaw il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1823;

P.L. 429 Tabella li turi n-numru ta' riżenji ta' persuni mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fil-perjodu bejn Jannar 2010 u Ġunju 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1824.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, l-Onor. Chris Bonett, f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 430 Stima ta' servizz (Quotation No. 4073554) maħruġa minn TEC Ltd. lill-Transport Malta għal studji b'rabta mal-proposta tal-Metro datata 31 ta' Awwissu 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1116;

P.L. 431 Lista ta' Key Experts kif titlob it-tender IM014/2020 – Professional Services in connection with the Supervision and Works Certification for Works Tender IM006/2020 (Tender for High Voltage Shore Connection System in the Grand Harbor), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1721;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 432 Tabella li turi tagħrif dwar il-Monitoraġġ kontinwu magħmul mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tal-benżin u tabella li turi tagħrif dwar in-nitroġenu fl-arja maqsuma skont il-lokalità u dokument Air Quality Index għal diversi lokalitajiet kif irrapportati fit-8 ta' Ġunju fis-14:16, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1539;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 433 Avviż Legali Nru 191 tal-2022 – Ordni tal-2022 li Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni;

P.L. 434 Avviż Legali Nru 192 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li Jirrevokaw ir-Regolamenti dwar Roaming fuq Networks Pubbliċi tat-Telefonija Mobbli;

P.L. 435 Avviż Legali Nru 194 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Logħob;

P.L. 436 Rapport Annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Malta Business Registry (MBR) għas-sena 2021; u

P.L. 437 Rapport Annwali u stqarrijiet finanzjarji awditjati tal-Aġenzija Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) għas-sena 2021.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħat ta' dakinhar, it-Tnejn 27 ta' Ġunju 2022, fil-Kumitat Permanenti dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, l-Onor. Randolph De Battista ssostitwixxa lill-Onor. Deo Debattista u li fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet ta' Għawdex, l-Onor. Abigail Camilleri kienet se tissossitwixxi lill-Onor. Anton Refalo.

**MOZZJONIJIET**

**52. ABBOZZ TA' LIĠI BIEX JEMENDA L-ATT DWAR ID-DĦUL TA' MALTA BĦALA MEMBRU TAL-FOND MONETARJU INTERNAZZJONALI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru fil-Fond Monetarju Internazzjonali.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem.con. u l-Abbozz tal-Liġi msejjaħ "Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, Kap. 209" inqara l-ewwel darba.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess, il-Kamra għaddiet biex titressaq mozzjoni mingħajr avviż.

**MOZZJONIJIET**

**53. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PRODUZZJONI TAL-PETROLEUM**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem.con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum" inqara l-ewwel darba.

## 44. ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TA' PATRIMONJU MALTA U S-SOVRITENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI GĦAS-SENA 2022

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-estimi tad-dħul u nfiq ta' Patrimonju Malta u s-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena finanzjajrja mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 skont l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445.

L-Onor. Omar Farrugia, issekonda.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellha tieħu seduta waħda bil-ħin jinqasam indaqs bejn il-kelliema tal-Gvern u l-kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-introduzzjoni u l-għeluq mill-Gvern.

Fil-5.00 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti sakemm is-Segretajru Parlamentari għall-Fondi Ewropej f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol iqiegħed xi dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra.

## TQEGĦID TA' KARTI

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 438 | Avviż Legali Nru 193 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Kumpens lid-Depożitant; |
| P.L. 439 | Avviż Legali Nru 195 tal-2022 - Ordni tal-2022 dwar Pender Place u Mercury House, Estensjoni VI, f'San Ġiljan bħala Żona Speċjali Msemmija; |
| P.L. 440 | Lista ta' impjegati ġodda tal-Air Malta Aviation Services Ltd maqsuma skont il-grad fil-perjodu bejn l-2018 u l-2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1864; u |
| P.L. 441 | Rapport dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali ta' Marzu 2022 maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali. |

## 44. ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TA' PATRIMONJU MALTA U S-SOVRITENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI GĦAS-SENA 2022 (KONT.)

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq l-Estimi tad-Dħul u Nfiq ta' Patrimonju Malta u Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2022.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Owen Bonnici, l-Onor. Julie Zahra, l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Katya De Giovanni u l-Onor. Graziella Attard Previ.

Meta l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta tat-28 ta' Ġunju 2022 skont ftehim milħuq fis-Seduta tat-13 ta' Ġunju 2022.

Fis-6.32 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 28 ta' Ġunju 2022 fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**<u>Mozzjonijiet</u>**

Mozzjoni 40 – Estimi tal Awtorità dwar il Protezzjoni ta' Embrijuni għas-Sena 2022

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Estimi tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-Sena 2022 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-Sena 2022 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità Maltija dwar l-Artijiet għas-Sena 2022 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-Sena 2022 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-Sena 2022 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tad Djar għas-Sena 2022 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Jobsplus għas-Sena 2022 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-Sena 2022 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Patrimonju Malta u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-Sena 2022 | Votazzjoni |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa | Tieni Qari |

---

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Prokreazzjoni Assistita | Kumitat Permanenti (Kont.) |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Rosianne Cutajar u mill-Onor. Katya De Giovanni.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Rosianne Cutajar qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 442 Post li dehret fuq is-social media minn Roberta Metsola, President tal-Unjoni Ewropea, b'referenza għar-rigess tad-drittijiet tan-nisa fl-Amerika; u

P.L. 443 Artiklu dwar il-mewt ta' Savita Halappanavar.

Fis-7.01 p.m. l-Ispeaker avża, li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 28 ta' Ġunju 2022 fid-9.00 a.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**